TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 7/15/GB

**Agnes u Spiridione Buhagiar**

**vs**

**Edwin Petroni – J&E Service Line Ltd.**

Illum 25 ta' Novembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' erbgha mija u sebghin Ewro (€470.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal fridge/freezer' li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema 'fridge/freezer' kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-sedutà.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw 'fridge/freezer' minghand is-socjeta' ntimata f' Lulju 2014. Il-'fridge' in kwistjoni kienet bdiet taghmel l-ilma u meta r-rikorrenti lmentaw, is-socjeta' ntimata baghtet tekniku. Il-'fridge' ittiehdet il-'workshop' u r-rikorrenti nghataw 'loan fridge'. Meta l-'fridge' giet irritornata lir-rikorrenti, din kienet baqghet l-istess, jekk mhux aghar ghaliex anke sadid beda hiereg minn tahtha.

Ir-rikorrenti ezebew dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti xtraw il-'fridge' tal-marka 'Indesit' fid-9 ta' Lulju 2014. L-ewwel intervent li s-socjeta' ntimata ghamlet kien fid-29 ta' Settembru 2014, fejn gie rrappurtat li kienet qieghda taghmel hafna ilma. Meta s-socjeta' ntimata marret fuq il-post, it-tekniku kien ftiehem mar-rikorrenti li jiehu l-'fridge' il-'workshop' u jhaddimha hemmhekk, halli jara kif ser tahdem hemm. Ghalhekk, is-socjeta' ntimata gabret il-'fridge' fil-'workshop' u kull ma ghamlet kien li xeghlitha mal-plakka – fiz-zmien li damet ghandha, il-'fridge' hadmet tajjeb u l-funzjoni taghha kienet perfetta. Is-socjeta' ntimata ghalhekk cemplet lir-rikorrenti sabiex tmur il-'workshop' biex tivverifika li l-'fridge' kienet qieghda tahdem tajjeb u li l-'fridge' ma kellha xejn hazin. Ir-rikorrenti rrifjutaw li jmorru u ghalhekk is-socjeta' ntimata baghtet il-'fridge' lura ghand ir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.SB1; ritratt, li gie mmarkat bhala Dok.SB2; kif ukoll 'job card', li gie mmarkat bhala Dok.SB3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi hija l-agent tal-'Flamingo' u li hija tirreferi problemi bhal dawn lilhom. It-tekniku kien irrapporta li dan kien qed jigri minhabba uzu hazin u minhabba problema ta' umdita'.

Xehed David Borg, prodott mis-socjeta' ntimata.

Xehed Mark Laferla, prodott mis-socjeta' ntimata.

It-Tribunal innomina lil Ing Emmanuel Scerri bhala espert tekniku sabiex jeccedi ghal fuq il-post u jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni ta' l-espert tekniku, Ing Emmanuel Scerri, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura l-'fridge/freezer' in kwistjoni u thallas l-ammont ta' erbgha mija u sebghin Ewro (€470.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**